IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2016
COM(2016) 598 final

2016/0277 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn ’il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont proposta tal-Kummissjoni, jista’ jawtorizza lil Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijet ta’ dik id-Direttiva, biex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jippreveni ċertu forom ta’ evażjoni jew evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2016, ir-Repubblika Taljana talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta’ deroga dwar id-dritt għal tnaqqis tal-VAT fuq ċerti tipi ta' mezzi tat-trasport. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Repubblika Taljana, b'ittra datata t-22 ta' Ġunju 2016. B'ittra datata t-23 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika Taljana li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva tal-VAT jipprovdu li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovuta minn fuq ix-xiri li jsir għall-iskopijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. Fl-istess ħin, l-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-użu tal-oġġetti, li jagħmlu parti mill-assi kummerċjali, għal skopijiet privati għandu jitqies bħala forniment ta’ servizzi għal kunsiderazzjoni jekk il-VAT fuq dawn l-oġġetti tkun tnaqqset bis-sħiħ jew parzjalment. B'riżultat ta' dan, is-sistema tiżgura li l-konsum finali jkun intaxxat meta l-VAT tal-input korrispondenti tkun tnaqqset fil-bidu.

Fir-rigward ta’ vetturi bil-mutur, xi drabi huwa diffiċili u ta' piż amministrattiv biex il-persuna taxxabbli tidentifika u tirreġistra d-differenza bejn użu kummerċjali u użu privat u biex l-amministrazzjoni tat-taxxa tivverifika t-tqassim effettiv tal-użu. Dan ikun il-każ anki jekk l-Italja tagħmel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 168a(2) tad-Direttiva tal-VAT biex tillimita t-tnaqqis fuq in-nefqa relatata ma’ vetturi tal-kumpaniji għall-proporzjon tal-użu effettiv kummerċjali tal-persuna taxxabbli. Barra minn hekk, minħabba l-għadd kbir ta’ vetturi b’użu differenti, l-evażjoni tat-taxxa tista’ ssir konsiderevoli.

Sabiex il-ġbir tal-VAT ikun simplifikat u biex tkompli fil-ġlieda tagħha kontra l-evażjoni tat-taxxa, fl-2007 ir-Repubblika Taljana talbet u kisbet mill-Kunsill, deroga individwali li permezz tagħha tista' tillimita, b'mod obbligatorju, sal-31 ta' Diċembru 2010, id-dritt għal tnaqqis sa 40% fir-rigward ta' vetturi tat-triq bil-mutur (ħlief tratturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, li normalment jintużaw għat-trasport tal-persuni jew tal-oġġetti fuq it-toroq, b'piż massimu awtorizzat li ma jaqbiżx it-3 500 kilogramma u li ma jesgħux aktar minn tmien postijiet, barra l-post tax-xufier)[1]. Madanakollu, wieħed għandu jinnota li ċerti kategoriji ta’ vetturi ġew speċifikament eskluži minn din il-limitazzjoni, bħal vetturi li jagħmlu parti mill-istokk ta' merkanzija, li jintużaw għal istruzzjoni minn skejjel tas-sewqan, li jintużaw għal kiri jew kiri fit-tul u li jintużaw minn rappreżentanti li jieħdu ħsieb il-bejgħ u taxis. Fl-istess ħin, ma jkunx meħtieġ aktar li n-negozji jżommu kont tal-użu privat għal raġunijiet ta' taxxa. Din

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/441/KE tat-18 ta’ Ġunju 2007 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta’ deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 33).

id-Deċiżjoni kienet estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/748/UE[2] sal-31 ta' Diċembru 2013 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/679/UE[3] sal-31 ta' Diċembru 2016.

B'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, ir-Repubblika Taljana ppreżentat rapport li jkopri l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni li jinkludi reviżjoni tal-perċentwal tar-restrizzjoni.

Mill-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Taljana f'dak ir-rapport jidher li, b'mod partikolari minħabba l-għadd kbir ta' impriżi żgħar fir-Repubblika Taljana (99% jew 5,2 miljun persuna taxxabbli jridu jitqiesu bħala entitajiet mikro, li essenzjalment jikkonsistu minn individwi jew minn impjegat wieħed), il-limitu ta' 40% xorta waħda jkun jikkorrispondi għaċ-ċirkostanzi attwali u għalhekk huwa xieraq.

Madankollu, kwalunkwe estensjoni għandha tkun limitata fiż-żmien sabiex ikun jista' jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet, li fuqhom hija msejsa d-deroga, ikunux għadhom validi. Għalhekk, huwa propost li d-deroga tiġi estiża sal-aħħar tal-2019 u li għandha ssir talba lir-Repubblika Taljana biex tippreżenta rapport ġdid f'każ li tkun prevista talba ta' estensjoni ġdida wara dik id-data aħħarija.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Skont l-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kunsill għandu jistabbilixxi n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħ, l-Istati Membri huma awtorizzati li jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' "*status quo*" li jillimitaw id-dritt għal tnaqqis marbut mal-vetturi bil-mutur.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli li skonthom il-kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis[4], din id-deroga hija xierqa fl-istennija tal-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

---

2 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/748/UE tad-29 ta' Novembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 318, 4.12.2010, p. 45).

3 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/679/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 37).

4 KUMM (2004) 728 finali - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153 , 21. 05. 2014, p. 3).

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Billi l-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga huwa limitat, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan maħsub, jiġifieri l-prevenzjoni ta' ċertu forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa u s-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT f'settur speċifiku.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux adattati għal din ir-r-raġuni:

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, id-deroga mir-regoli komuni tal-VAT tista' ssir biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jkun qed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-aktar strument xieraq huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għax din tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Italja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenzi esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tfasslet biex tiġġieled l-evażjoni tal-VAT u biex tissimplifika l-proċedura ta' impożizzjoni tat-taxxa, u għaldaqstant għandha impatt potenzjalment pożittiv li jnaqqas il-piż amministrattiv kemm tan-negozji kif ukoll tal-amministrazzjonijiet. L-Italja tqis li din il-miżura hija adegwata u hija komparabbli għal derogi oħrajn tal-imgħoddi u tal-lum.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhu se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

Il-proposta għandha l-għan li tawtorizza lill-Italja biex tkompli tillimita d-dritt ta' tnaqqis għal ċerti vetturi u l-infiq relatat matul il-perjodu 2017-2019, kif ingħatat sal-2016 bid-Deċiżjoni 2007/441. F'konformità mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1553/89, l-Italja tikkalkola "kumpens għall-karozzi u l-infiq relatat" korrispondenti u għalhekk għandha tibqa' tagħmel dan sal-2019.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni; terminu preskrittiv awtomatiku li huwa stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2019.

F'każ li l-Italja tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2019, għandu jitressaq rapport ta' evalwazzjoni ġdid lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għall-estensjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019.

2016/0277 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/441/KE[6] tawtorizza lill-Italja biex tillimita d-dritt ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) dovuta fuq infiq marbut ma' vetturi bil-mutur li ma jintużawx biss għal skopijiet kummerċjali, għal 40 %. Id-Deċiżjoni 2007/441/KE tipprovdi wkoll li l-użu għal skopijiet privati ta' dawk il-vetturi li ġew soġġetti għal dritt ta' tnaqqis skont dik id-Deċiżjoni ma kellux jiġi kkunsidrat bħala forniment bi ħlas. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2007/441/KE fiha definizzjonijiet tal-vetturi u tan-nefqa inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, u lista ta' vetturi li huma espliċitament esklużi minnha. Id-Deċiżjoni 2007/441/KE kienet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/748/KE[7] u sussegwentament bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/679/UE[8] li stabbiliet id-data ta' skadenza tal-31 ta' Diċembru 2016.

(2) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-31 ta' Marzu 2016, l-Italja talbet l-awtorizzazzjoni biex testendi l-miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tkun tista' tkompli tillimita d-dritt ta' tnaqqis marbut man-nefqa dwar ċerti vetturi bil-mutur li ma jintużawx biss għal skopijiet kummerċjali.

(3) Skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/441/KE, kif emendata, l-Italja ssottomettiet rapport lill-Kummissjoni li jkopri l-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni u li

---

5 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/441/KE tat-18 ta' Ġunju 2007 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 33).

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/748/KE tad-29 ta' Novembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 318, 4.12.2010, p. 45).

8 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/679/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 37).

jinkludi reviżjoni tal-perċentwal tar-restrizzjoni. L-informazzjoni pprovduta mill-Italja għadha turi li r-restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis, għal 40% tikkorrispondi għaċ-ċirkostanzi attwali fir-rigward tal-proporzjon ta' użu kummerċjali u użu mhux kummerċjali tal-vetturi kkonċernati. Għalhekk l-Italja għandha tkun awtorizzata tapplika l-miżura għal perjodu limitat ieħor, sal-31 ta' Diċembru 2019.

(4) B'ittra datata t-22 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba magħmula mill-Italja. B'ittra datata it-23 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(5) Fl-eventwalità li l-Italja titlob estensjoni oħra lil hinn mill-2019, għandu jitressaq rapport lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għall-estensjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019.

(6) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

(7) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/441/KE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 2007/441/KE, l-Artikoli 6 u 7 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Kull talba għall-estensjoni tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandha ssir lill-Kummissjoni sal-1 ta' April 2019.

Kull talba għall-estensjoni ta' dawk il-miżuri għandha tkun akkumpanjata minn rapport li jinkludi reviżjoni tar-restrizzjoni perċentwali applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT dovut fuq infiq marbut ma' vetturi bil-mutur li ma jintużawx biss għal skopijiet kummerċjali.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President